32000D0672

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Ottubru 2000

mniżżlin kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazjonijiet fuq Prodotti tas-sajd li joriġinaw ġo Venezuela

(notifikat taħt doument numru C(2000) 3056)

(Tessut b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/672/KE)

IL-KOMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tfassal il-kondizzjonijiet għal Prodotti u l-pożizzjoni fis-suq għal prodotti tas-sajd [1], hekk kif ġiet emendata l-aħħar mid-Direttiv 97/79/EC [2], u partikolarment l-Artikolu 11,

Billi:

(1) Espert ta' Kummisjoni mexxa mawra ta' spezzjoni ġewwa l-Venezuela biex jivverifikaw il-kondizjonijiet taħt liema prodotti tas-sajd huma magħmula, storjati u mibgħuta lil-Komunitá.

(2) Il-provisjonijiet tal-leġislazjoni ta' Venezuela fuq spezzjoni ta' saħħa u monitjar ta' prodotti tas-sajd jistgħu jiġu kkonsidrati ekwivalenti għall dawk mniżla taħt f'Direttiva 91/493/EEĊ.

(3) Ġo Venezuela *s-Servicio Autonomo de Recursos Presqueros* (SARPA) tal-*Ministerio de Agricultra* huwa kapaċi li effetivament jivverifika l-applikazzjoni tal-liġijiet infurzati.

(4) Il-proċedura biex jakwistaw iċ-ċertifikat tas-saħħa riferut f'L-artikolu 11(4)(a) ta' Direttiva 91/493/ŻEE għanda tkopri d-definizzjoni ta' mudell ta' ċertifikat, ħtiġiet minimi rigward il-ligwa fejn għanda tiġi abbozata u l-grad tal-persuna li għanda l-poter biex tiffirma.

(5) skond l-artikolu 11(4)(b) ta' Direttiva 91/493/KEE, għandu jsir sinjal fuq pakketti ta' prodotti tas-sajd li jagħti l-isem tal-pajjiż terz u l-approvazzjoni/numra ta'reġistrazzjoni ta' l-istabiliment, bastiment fabbrika, maħżen kiesaħ jew freezer ta' l-oriġini.

(6) skond l-artikolu 11(4)(c) ta' Direttiva 91/493/KEE lista ta'stabilimenti approvati, bastimenti fabbrika, jew imħażen kiesħa għandhom jitniżżlu, u lista ta' bastimenti tal-friża mgħammra bil-punti 1 sa 7 ta' l-Anness II għad-Direttiva 92/48/KEE [3] għandhom isiru wkoll. Dawn il-listi għandhom isiru fuq bażi ta' komunikazzjoni mis-SARPA għal-Kommisjoni. Għalhekk huwa f'idejn is-SARPA jiżguraw konformità mal-provisjonijiet mniżżla fl-aħħar ta' l-Artikolu 11(4) ta' Direttiva 91/43/KEE.

(7) Is-SARPA ipprovdit assigurazzjonijiet uffiċjali rigward konformità mar- regoli ta' kapitolu V ta' l-Anness ta' Direttiva 91/493/KEE u rigward il-ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk imniżla minn dik id-Direttiva.

(8) Il-miżuri provduti għad-Deċiżjoni huma fi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-ServicioAutónomo de Recursos Pesqueros (SARPA) tal-Ministerio de Agrikoltura y Cría għandu jkun l-awtorità kompetenti ġewwa li Venezuela biex jiverifikaw u jiċertifikaw konformità tas-sajd u prodotti ta' l-akwakultura mal-ħtiġijiet ta' Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 2

Prodoti tas-sajd u akwakultura oriġinati minn Venezuela għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali tas-saħħa b'numru, komplut, iffirmat, bid-data u jkollu karta bi qbil mal-mudell f'L-Anness A;
2. il-prodotti għandhom jiġu minn stabilimenti approvati, bastimenti fabbrika, maħżen kiesħa, bastimenti bil-friża reġistrati mniżżla f'L-Anness B;
3. minn barra f'każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati bil-massa u maħsub għal manifattura ta' ikel preservat, il-pakketti kollha għandhom ikollom il-kelma "VENEZUELA" u l-approvazzjoni/numru ta' reġistrazzjoni ta' l-istabiliment, bastiment fabbrika, maħżen kiesaħ jew bastiment bil-friża b'ittri ċari.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif riferuti għall-Artikolu 2(1) għandhom isiru skond il-lingwa uffiċjali ta' l-Istati Membri fejn iseħħu l-kontrolli.

2. Ċertifikati għandhom ikollhom l-isem, kapaċità u firma tar-rapresentant tas-SARPA u t-timbru uffiċjali ta' dan ta'l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' *endorsements* oħra.

Artikolu 4

Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ wara 60 ġurnata mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Ottubru 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

Għall prodotti tas-sajd u akwakultura oriġinati ġo VENEZUELA u maħsuba għall-esportazzjoni għall-Komunitá Ewropea, teskludi bivalve molluscs, echinoderms, tunicates and marine gastropods f'kull tip ta' forma

Numru ta' Referenza: .....

Pajjiż tad-dispaċċ: **VENEZUELA**

Awtorità kompetenti: Veterinarja ġenerali (GVI)

I. **Dettalji li jiddentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd/akwakultura (1):

— Specji (isem xjentifiku): .....

— Presentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament (2): .....

— Numru kodifikat (fejn disponibbli): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— piż nett: .....

— Ħżin rekwiżit u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini ta' Prodotti**

Isem u approvazzjoni uffiċjali/numru ta' reġistrazzjoni ta' stabiliment, bastiment-fabbrika jew imħażen kiesah/kiesha approvati jew bastiment bil-friża reġistrat mis-SARPA għall-esportazzjoni għall-KE: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni ta' Prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta minn: .....
(post ta' dispaċċ)

għal: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

b'mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Isem u indirizz ta' minn ser jibgħat: .....

.....

Isem ta'kunsinnatarju u indirizz tal-post ta' destinazzjoni: .....

.....

(1) Ħassar fejn applikabbli.
(2) Ħaj, imkessaħ, friżat, mielaħ, affumikat, priservat, etċ.

IV. **Attestat ta' Saħħa**

— L- uffiċjal ta' l-ispezzjoni hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew akwakultura speċifikati:

1. kienu maqbuda jew imzammu ġewwa vetturi skond il-liġijiet tas-saħħa mniżżla mid-Direttiva 92/48/KEE;

2. fejn kienu miżmuma u fejn xieraq ippakjati kif suppost, preparat, proċessat, friżat, storjat igjenikament skond ir-regoli mniżżla taħt kapitolu II, III u IV ta' l-Anness għall-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew minn spezzjonijiet ta' saħħa bi ftehim ma kapitolu V ta' l-Anness ta' Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakjati, markati, storjati u meħudin bi ftehim ma Kapitoli Vi, VII, u VIII ta' l-Anness għall Direttiva 91/493/KEE;

5. ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li jkollhom il-biotoxins;

6. għaddew minn proċess sodisfaċenti ta' organoleptic, parasito;ogical, kemikali u mikrobiologikali spezzjonijiet imniżla għal ċertu kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni ta ċerti deċiżjonijiet.

— L-uffiċjal ta' l-ispezzjoni hawnhekk jiddikjara li huwa mgħarraf dwar proviżjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, Direttiva 92/48/KEE u Deċiżjoni 2000/672/KE.

Magħmul fi ....., f' .....
(Post) (Data)

Uffiċjal timbru ([3])

.....
Firma ta' l-ispettur Uffiċjali ([3])

.....
(Isem b'ittri kbar, kapaċità u kwalifikazzjonijiet tal-persuna li qed tiffirma)

([3]) Il-kulur tat-timbru u firma għanda tkun differenti mill-partikolari oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS B

LISTA TA' STABILIMENTI U VETTURI

Num Ta' Approvazzjoni	Isem	Post Reġjun	Categorija
ES-029	Alimentos Margarita CA	Mariguitar Sucre	PP
SPES-010	Langostinos del Caribe CA	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-012	Gusteca CA	Las Piedras Falcón	PP
SPES-013	De La Mar CA	Cumaná Sucre	PP
SPES-026	CA l-industrija tas-sajd 'CAIP'	Cumaná Sucre	PP
SPES-087	Avencatun l-industral SA 'Avecaisa'	Cumaná Sucre	PP
SPES-099	Procam SA	Barċellona Anzoategui	PP
SPES-126	Golfo Mar Export CA	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-140	CA Procesadora 'Propesca'	Maracaibo Zulia	PP
SPES-143	Procesadora Peninsula SA 'Propensa'	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-206	Stefan Mar CA	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-407	Flota l-industrijal Pesca Atunera Caribe 'Fipaca'	Cumaná Sucre	PP
SPES-434	Landemar Export CA	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-558	Caribmar CA	Carupano Sucre	PP
SPES-566	Exportadora Prodotti del Mar CA 'Expo-marca'	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-579	Naviera l-industrija SA 'Navisa'	Cumaná Sucre	PP
SPES-580	Pesquera Costa de la Luz 'Pescoluz'	Cumaná Sucre	PP
SPES-602	Ingopesca	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-626	Ocean Shrimp CA	Punto Fijo Falcón	PP
SPES-628	l-industrija Pesquera Oripesca CA	Cabruta Guarico	PP

Num Ta' Approvazzjoni	Isem	Post Reġjun	Categorija
SPES-706	Fresco Mar CA	Península de Macanao Nueva Esparta	PP
SPES-751	Pescandina Ema SA	Caracas Sucre	PP
SPES-839	Carmela (Avencatun)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-840	Judibana (Formar SA)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-843	Carirubana (Orivensa SA)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-844	Conquista (Reparaciones Marinas Atuneras 'Rema-tun' CA)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-845	Cayude (Atuneros de il-Paragwaj 'Aparsa')	Las Piedras Falcón	FV
SPES-846	Calypso (Atumar SA)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-847	Falcon (Panamericana SA)	Las Piedras Falcón	FV
SPES-873	Caroni (Pesquera Catatumbo CA)	Cumaná Sucre	FV
SPES-910	Pesquera Catatumbo CA	Cumaná Sucre	PP
SPES-875	Amazonas (Pesquera Amazonas CA)	Cumaná Sucre	FV
SPES-876	Ventuari (Pesquera Ventuari CA)	Cumaná Sucre	FV

PP: Pjanta li tipproċessa

FV: Bastiment Fabbrika.